MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Numru 208/2015

**Pulizija**

**Spettur Luke Bonello**

**Vs**

**Alaeddin Taroum**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Alaeddin Taroum ta’ 25 sena, bin Mubruk u Zohra nee’ Hatab, mwieled Tripli, fil- 11 ta’ Jannar 1990, residenti 32/3 Triq il-Mosta, Naxxar u detentur tal-REFCOMM No. 16499;

Talli fit-23 ta’ Frar 2015 ghall-habta tal-10.00am gewwa Flat 2, Grand Master Square, Triq Jean De La Vallette, Naxxar u f’ dawn il-gzejjer;

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Yasmine Roudi f’periklu car, ikkaguna lill-istess Yasmine Roudi hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta’ natura gravi;

2) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor biza’ li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta’ tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta’ ta’ xi had mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jwe bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Yasmine Roudi, sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmillha hsara;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar istadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A kif emendat, bl-istess ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti ghalhekk setghet tittratta sommarjament mieghu ghal dawn l-akkuzi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat din il-Qorti m'ghandhiex ghazla hlief li ssibu hati u tghaddi minnufih biex tikkonsidra l-piena. Il-fatti fil-qosor kienu s-segwenti. L-imputat u l-vittma, Yasmine Roudi, huma mizzewgin bir-rit islamiku u ghandhom tarbija bejniethom u jghixu fl-imkien f'appartament in-Naxxar. Fid-data indikata, qam argument familjari bejniethom u l-imputat refa' idejh fuq Yasmine u ghamlilha griehi gravi f'wiccha. Hi marret taghmel rapport lill-Pulizija u ftit wara hu gie arrestat u mressaq il-Qorti b'dawn l-akkuzi.

Irrisulta li l-imputat kien anke ammetta fl-istqarrija tieghu u li kien iddispjacih ta’ ghemilu. Fil-fatt, anke fir-rapport, jidher li Roudi stess stqarret mal-Pulizija li kien gia’ talabha skuza talli refa’ idejh fuqha. Madankollu, dan l-agir bl-aktar mod assolut mhuwiex accettabbli ghall-Qorti. Jekk l-imputat kien hassu b’xi mod ipprovokat minn Roudi, ghandu jitghallem jezercita aktar kontroll fuqu nnifsu u mhux jrefa’ jdejh fuq persuna ohra, aktar u aktar jekk dik l-istess persuna hi omm it-tifel tieghu u s-siehba tieghu. Jidher li dan fehmu mal-ewwel l-imputat, u ghalhekk il-Qorti mhix ser timponi fuqu sentenza ta’ prigunerija effettiva, izda ser thalli l-effetti taghha sospizi skond il-ligi. Dan biex isservi ta’ deterrent qawwi ghall-imputat biex ma jregax iwettaq ebda reat bhal dan, kif ukoll biex isservi ta’ forma ta’ sorveljanza fuqu u fuq ghemilu.

Tenut kont ghalhekk tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, tal-fedina penali netta tieghu, tal-eta’ tenera tieghu, u tal-fatt li talab apologija ghal ghemilu, il-Qorti sejra taghti l-piena segwenti.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 216, 251B, 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin ai terminu tal-Art 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni favur Yasmine Roudi ghal tlett (3) snin ai terminu tal-Art 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------